MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru. 99/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Alan Asciak**

Numru 99/2011

Illum 30 ta’ Jannar 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alan Asciak**, ta’ sebgha u ghoxrin (27) sena, bin George u Ilene neé Gladstone, imwieled Pieta nhar it-23 ta’ Jannar, 1984, residenti fil-fond Xanah, Triq il-Qbajjar, Marsalforn limiti taz-Zebbug u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-

numru 72684M, akkuzat talli nhar it-28 t'Awwissu, 2011, u xhur ta' qabel gewwa Ghawdex u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi biddel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni JAU 076 fuq vettura tat-tip Willys Jeep billi wahhal dan in-numru ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni JAU 076 fuq vettura tat-tip Willys Jeep, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) fl-istess zmien, lok u cirkostanzi saq vettura tat-tip Willys Jeep, meta in-numri tar-registrazzjoni kien JAU 076 li kienu jappartjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kapitolu 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) fl-istess data, hin lok u cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) fl-istess data, hin u cirkostanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 17).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 12)

Rat li meta sar l-ezami tal-imputat fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 6 u 12), l-imputat wiegeb li ma kienx hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu hlief ghal b'referenza ghall-imputazzjoni "c" fejn l-imputat kien qed jigi akkuzat talli saq vettura minghajr licenzja u b'numri ta' vettura ohra izda mhux dik il-parti fejn hu akkuzat taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li, fis-seduta tallum, qabel inghatat is-sentenza fil-konfront tal-imputat, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu kif dedotta fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012 ghall-imputazzjoni indikata fl-istess seduta u dana wara li nghata zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012, id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni rigward l-imputazzjoni "c" b'riferenza ghall-imputazzjoni li tirrigwarda l-Kapitolu 104 u rigward l-imputazzjoni "d."

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li pprezenta biss, bhala provi tieghu, fotokopja tal-licenzja tas-sewqan tieghu li giet immarkata bhala Dok. "KM 1".

Semghet, fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2012, lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li huwa kien ser jirrimetti ruhu ghall-provi li rrizultaw mill-atti u semghet it-trattazzjoni tad-difiza.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012, xehed l-i**Spettur Josric Mifsud** (*a fol.* 18 *et seq.)* fejn qal illi fis-27 t'Awwissu 2011 kien qieghed l-Ghassa tar-Rabat u nnota karozza tat-tip Willis Jeep ghaddejja minn quddiem l-Ghassa u li n-numru tar-registrazzjoni taghha kien JAU 076 u wara li ccekkja n-numru tar-registrazzjoni skopra li dawk kienu japparjtenu lil Land Rover, proprjeta' ta' certu Giorgio Asciak. Wara li ccekkja fuq is-sistema taghhom irrizulta illi r-ritratt li kien hemm fuq is-sistema taghhom ma kienx l-istess persuna li ra fil-vettura. Jixhed li x-xufier fil-vettura kien l-imputat. Jixhed li l-ghada, cioé fit-28 t'Awwissu, gie infurmat minn PS 1424 illi din il-Jeep kienet giet imwaqqfa bix-xufier fiha li kien l-imputat. Jghid li n-numru tar-registrazzjoni tal-Jeep in kwistjoni kienet IBA 528 u mhux in-numru li kien imwahhal fuqha. Jispjega li ttiehdu xi ritratti ta' din il-vettura, liema ritratti gew immarkati bhala Dok. "JM 1" sa "JM 3". Jghid ukoll li kienet ittiehdet stqarrija tal-imputat fejn l-imputat kien stqarr illi lil Jeep kien ghamlilha *"bolt and nut restoration"* – kien zarmaha kompletament u li meta missier l-imputat siefer lejn l-Ingilterra, l-imputat kien wahhal fuq il-Jeep in-numru tar-registrazzjoni tal-Land Rover li kienu jappartjenu lil missieru.

In <u>kontro-ezami</u>, l-Ufficjal Prosekutur jghid li l-imputat jaghmel xoghol ta' mekkanik u li kien ghamlu hu stess ix-xoghol fuq il-Jeep. Ikkonferma wkoll li l-imputat kien ikkoopera mal-Pulizija. Meta gie mistoqsi mid-difiza jekk irrizultalux lill-Ufficjal Prosekutur jekk l-imputat kienx hareg biss dawra bil-vettura biex jipprovaha u qala' n-numru ta' missieru, l-Ufficjal Prosekutur wiegeb li l-istess vettura kienet giet innutata xhur qabel f'Marsalforn u f'*areas* varji.

Illi, mill-**istqarrija** rrilaxxata mill-imputat, li tinsab esebita *a fol.* 15 u 16 tal-process, l-imputat jghid li l-Jeep kien tahilu missieru meta kien ghadu zghir u nefaq hafna flus fuqha sabiex jirrangaha u li meta siefer missieru qala' n-numru tal-Land Rover JAU 076 u wahhalhom fuqha. Jghid hekk: *"Nghid illi kont ilni ma nigri biha fit-triq zmien"* (*a fol.* 16). Jghid ukoll li gieli hareg din il-vettura bil-mohbi ta' missieru

meta kien wahhal in-numru tal-Land Rover fuqha u li n-numru proprju taghha (tal-Jeep) huwa IBA 528.

Illi, fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2012, xehed ukoll **PS 1424 Mario Xiberras** (*a fol.* 25 *et seq.*) fejn qal li l-iSpettur Josric Mifsud kien infurmah li kellu informazzjoni li f’Marsalforn kienet qed tinstaq Jeep Willis bi pjanci foloz u jghid li flimkien ma’ PC 1075 marru Marsalforn u huma u tilghin ‘l fuq fid-direzzjoni opposta jara l-Jeep Willis niezla d-direzzjoni lejn Marsalforn, jghid li dawwar u mar lejn Marsalforn u waqqfu din il-Jeep li kienet qed tinstaq mill-imputat. Jghid illi r-*road licence* ma kinitx mal-windscreen. Jixhed ukoll li l-pjanci JAU 076 kienu tal-Land Rover li kienu ta’ missier l-imputat. Ix-xhud esebixxa wkoll ir-*road licence* li giet immarkata bhala Dok. “MX 1” (*a fol*. 27) u jghid ukoll li ttiehdu xi ritratti tal-Jeep, liema ritratti huma dawk immarkati bhala Dok. “JM 1” sa “JM 3” u li ttiehdu fil-*garage* tal-Pulizija.

Illi, fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2012, xehed ukoll **PC 1075 Joseph Micallef** (*a fol.* 28 *et seq.*) fejn dan qal illi kien ma’ Surgent 1424 f’Marsalforn fejn kienu waqfu vettura bin-numru JAU 076 li kien il-Jeep u rrizulta li kellha l-pjanci m’humiex taghha. Jghid ukoll illi marru d-dar tal-imputat u iccekjaw li r-*road licence* kienet fuq il-Jeep u din giet elevata u din il-vettura JAU 076 kienet misjuqa mill-imputat. Ix-xhud qal li aktar tard il-vettura giet mehuda l-*garage* l-Munxar u kkonferma illi r-ritratti Dok. “JM 1” sa “JM 3” juru din il-vettura.

Illi, fis-seduta tal-4 ta’ Lulju 2012, xehed **Saviour Farrugia** (*a fol.* 30), fil-kariga tieghu ta’ Assistant Principal fid-Dipartiment tal-Licenzji f’Ghawdex fejn dan qal li l-vettura JAU 076 hija Land Rover station wagon li qieghda fuq George Asciak ID numru 530636M u esebixxa *log book* li gie immarkat bhala Dok. “SF 1”.

Illi, fis-seduta tad-9 t’Ottubru 2012, rega’ xehed **Saviour Farrugia** (*a fol.* 33) fejn xehed illi l-vettura IBA 528, li llum ggib in-numru WAR 044, qieghda fuq Alan Asciak, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 72684(M). Jghid li l-vettura hija Willis Jeep truck u ilha hekk fuqu mit-8 ta’

Marzu 2011. Esebixxa *log book* li gie mmarkat bhala Dok. “SF 2”.

Illi, fis-seduta tad-9 t’Ottubru 2012 (*a fol.* 32) l-imputat ghazel li ma jixhidx u fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2012 (*a fol.* 35) id-difiza ezebiet kopja tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. “KM 1”.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma semplici. L-imputat inqabad suq vettura Willis Jeep bin-numru ta’ registrazzjoni JAU 076 meta dan in-numru jappartjeni vettura ohra tal-ghamla Land Rover li ssejjah lil George Asciak ID numru 530636M.

**Ikkunsidrat**

<u>Imputazzjonijiet mmarkati b’ittri “a” u “b”</u>
Illi l-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghal dak li gie trattat mid-difiza fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2012, taghmel riferenza wkoll ghad-decizjoni moghtija fl-4 ta’ Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo**. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fil-kawza imsemmija kienu identici ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet fil-kawza odjerna. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti xi tghid:

“Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, pero` – ghalkemm m’hemmx aggravju dwaru izda jista’ jinfluwixxi fuq il-piena u ghalhekk dan il-punt qed jitqajjem *ex officio* – illi proprjament l-appellant ma kellux jinstab hati dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta’ falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta’ falsita` materjali.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta’ Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: **“Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b’dan il-mod: filwaqt**

**li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II* (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (*Trattato*, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin *"non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero"*.**

**Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., *op. cit.*, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."**

Fil-kaz in ezami, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika. Kwantu mbaghad it-tielet imputazzjoni, minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* kienu ffalsifikati (ara wkoll fl-istess sens Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Elton George Spiteri**, 23 ta' Marzu 2007).

In segwitu ta' dak li ntqal fis-sentenza kwotata u mill-assiem tal-provi prodotti f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li l-imputat ghandu b'xi mod jigi misjub hati tal-ewwel zewg

imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u dan peress li dawn iz-zewg imputazzjonijiet ma jirrizultawx.

Imputazzjonijiet mmarkati b'ittri "c" u "d"
Illi l-imputat wiegeb li hu kien hati li saq vettura minghajr licenzja u b'numri ta' vettura ohra pero jeccepexxi l-preskrizzjoni a rigward l-akkuza li tirrizulta mill-Kapitolu 104. Id-difiza taghmel riferenza lejn Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u targumenta li ladarba nqabad bil-vettura fit-28 ta' Awissu 2011, ladarba l-imputat kien ghadu mhux notifikat fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, kienu diga skorrew tlett (3) xhur u waslu biex jiskorru s-sitt (6) xhur. B'kull rispett, il-Qorti tinnota li dan l-argument ma jregiex stante li Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104 jitkellem dwar meta jista' jsir *"il-proċediment"* għal reat taħt dan l-artikolu. Jirrizulta li l-proceduri *ossia "il-proċediment"* fil-konfront tal-imputat gew ntavolati fir-Registru tal-Qorti fil-5 ta' Settembru 2011, ftit jiem wara it-28 t'Awwissu 2011. Dawn huwa dak li jghodd u ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata mid-difiza qed tigi respinta.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni li l-imputat ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni ghar-riskji fuq terzi persuni, jirrizulta li mill-provi prodotti, ma tressqitx prova mid-difiza li effettivament l-vettura in kwistjoni kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi misjub hati ta' tali imputazzjoni.

Illi, m'hemmx dubju li l-imputazzjoni mmarkata b'ittra "d" hija identika ghat-tieni parti tal-imputazzjoni mmarkata b'ittra "c" u, ovvjament, dan ser jigi mehud in konsiderazzjoni fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

Imputazzjoni mmarkata b'ittra "e"
Illi d-difiza targumenta li din l-imputazzjoni hija *"zbaljata u ingarbuljata ghal kollox"* (*a fol.* 38). Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2011, id-difiza ezebiet kopja tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat li giet mmarkata bhala Dok. "KM 1". Ghalhekk, m'hemmx dubju li l-ewwel parti tal-imputazzjoni mmarkata b'ittra "e" ma tirrizultax. Fir-rigward tat-tieni parti tal-imputazzjoni, cioé dik li tirrigwarda sewqan ta'

vettura bla numru ta' registrazzjoni, fejn saret riferenza fl-akkuza ghal "Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65", id-difiza targumenta li dan l-Artikolu ma jezistiex u li l-imputat kellu kull dritt ikun jaf biex inhu akkuzat. Kif qalet sew id-difiza l-akkuza in kwistjoni tirrizulta minn Artikolu 15(1A) tal-Kapitolu 65. Id-difiza targumenta li l-izball tal-Prosekuzzjoni fil-hrug tal-akkuza ghandha tbaghtiha l-Prosekuzzjoni stess. Il-Qorti taqbel li imputat ghandu jkun jaf biex huwa akkuzat, u filwaqt li huwa minnu li l-Artikolu kwotat fl-imputazzjoni m'huwiex wiehed tajjeb, pero minn qari tal-imputazzjoni "e" jirrizulta li l-imputat setgha facilment ikun jaf biex inhu akkuzat tant li d-difiza kienet taf liema huwa l-artikolu tal-ligi rilevanti. Ghaldaqstant, ma jistghax jigi milqugh l-argument tad-difiza fil-konfront tat-tieni parti tal-imputazzjoni mmarkata bhala ittra "e". B'hekk l-imputat ghandu jigi misjub hati tat-tieni parti tal-imputazzjoni mmarkata b'ittra "e".

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li l-ewwel (1), it-tieni (2), u l-ewwel parti tal-hames (5) imputazzjoni ma gewx pruvati u b'hekk l-imputat ghandu jigi liberat minnhom. Fir-rigward tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tat-tieni parti tal-hames (5) imputazzjoni jirrizulta li dawn gew sodisfacentement pruvati.

Illi, ghar-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija u kif ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat kif dedotta fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2012 ghall-imputazzjoni indikata fl-istess seduta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, in segwitu tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u ghar-ragunijiet indikati hawn fuq, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), u mill-ewwel parti tal-hames (5) imputazzjoni [cioé dik li tirrigwarda nuqqas ta' licenzja tas-sewqan specifikata ghall-vettura], wara li rat Artikoli 15(1A), 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 3(1), 3(1A),

3(2)(a), 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tat-tieni parti tal-hames (5) imputazzjoni [cioé dik li tirrigwarda sewqan ta' vettura bla numru ta' registrazzjoni] migjuba fil-konfront tieghu u tikkundanah multa komplessiva ta' tlitt elef Euro (€ 3000.00) u tordna li l-imputat Alan Asciak jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------